22001D0050

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 50/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2000 ta' l-4 ta' Frar 2000 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2000/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ottubru 2000 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti perikoluż bil-ferrovija ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 42b (Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

"– **32000 L 0062**: Id-Direttiva 2000/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ottubru 2000 (ĠU L 279, ta' l-1.11.2000, p. 44)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2000/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 103, tat-12.4.2001, p. 5.
([2]) ĠU L 279, ta' l-1.11.2000, p. 44.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.